# STUDJI FILOLOGICI

*(Sommarju)*

**The Pre-Arabic Latin Element in Maltese Toponomy. —** Studju tal-Prof. P. P. Saydon. Estratt mill-ORBIS. Bulletin International de Documentation Linguistique. Tome V. No. 1, 1956, Louvain.

L-Awtur jibda biex jistqarr li dan l-istudju, barra milli hu magħmul biex juri x-xebh ta' xi kliem Malti mal-Latin hu magħmul ukoll bil-ħsieb li jifli l-isfuf tal-lingwa sal-qigħan ta' dawn l-isfuf skond ma nafu s'issa minn fatti storiċi u kulturali.

Għalkemm sew l-ilsien u kemm l-ismijiet tal-postijiet tal-gżejjer ta' Malta huma fil-biċċa l-kbira ta' nisel Għarbi, jidher li fihom għad hemm sinjali qodma ta' lsien differenti. S'issa, kif jgħid l-A., il-Malti tqies bħala fergħa tal-Għarbi li maż-żmien tħallat ma' kliem ta' l-ilsna Rumanzi, l-iktar Taljan u Sqalli, u b'hekk il-lsien Malti fil-waqt li żamm ċerta karatteristika indvidwali għalih, sostanzjalment huwa semitiku. Il-grajja tal-ilsien Malti hija marbuta mal-ġrajjiet soċjali u politiċi li biha intgħaġnet il-ħajja tal-poplu. Għalhekk, ikompli jgħidilna l-A., jekk wieħed irid ikollu ħjiel sewwa tan-nisel u svilupp tal-Malti jkollu jistudja dawk l-elementi li maż-żmien sawru l-ilsien Malti b'saħħet l-influwenza pulitika, kulturali u soċjali li jagħmlu mill-istorja ta' Malta.

L-A., qabel ma jidħol iżjed 'il quddiem fl-argument jagħti fuq fuq il-ġrajjiet li kellhom x'jaqsmu mal-kwistjoni lingwistika, billi dan l-istudju huwa miktub għal min aktarx ma jafx l-istorja ta' Malta. Huwa jibda miż-żminijiet bikrija ta' nies li għammru fil-gżejjer ta' Malta: Neolitiċi, Feniċi, Puniċi u jissokta b'dawk tar-Rumani, Għarab, Normanni, Kavalieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann saż-żminijiet tal-Gvern Ingliż, jiġifieri saż-żmien li qegħdin fih. Isemmi l-influwenza li l-Għarab kellhom fuq il-lsien tal-Maltin ta 'dik il-ħabta, influwenza li baqgħet sal-lum tixhed il-fond organiku tal-lingwa tal-Maltin, li wara mbagħad tħalltet ma' dik tan-nazzjonijiet li ħakmu fuq il-gżira u tat lill-Malti qoxra ġdida li fiha dehret l-influwenza tar-relazzjonijiet kulturali ta' l-ilsna Rumanzi li mlewh bi kliem ġdid, l-iktar Taljan, u li sa

ċertu żmien kien il-lingwa kulturali tal-gżejjer ta' Malta wisq aktar mill-Ingliż li tiegħu m'għandniex ħlief xi ftit neoloġiżmi moderni.

B'hekk l-A., jibda biex jifli is-saff ta' fuq li hu magħmul l-iktar minn kliem ta' nisel Taljan, Sqalli u Ingliż, u xi kelma Franċiża 'l hawn u 'l hinn. U dan jurih b'xi eżempji. Taħt dan is-saff isemmi dak li hu magħmul minn kliem Sqalli jew Rumanz u jagħti xi eżempji. Iżjed 'l isfel l-A., jiltaqa mas-saff Għarbi, li hu l-iktar importanti fost it-tnejn ta' qabel. Il-Għarbi jqassmu fi tnejn : Għarbi tal-kosta ta' l-Affrika ta' Fuq li kien jintuża wara li l-ħakma Għarbija ntrebħet min-Normanni dwar l-1090 u l-Għarbi, li hu eqdem, qarib tal-klassiku, u li kien mitkellem ma' tul il-mitejn sena ta' ħakma Għarbija f'Malta. U dan l-A., jurih b'xi eżempji ta' kilem Għarbi differenti li għandu l-istess tifsira : kelma tal-Għarbi klassiku u oħra tal-Għarbi djalettali tal-kosta ta' l-Afrika ta' Fuq bħal **Żejtun** (Għarbi klassiku) u **Żebbuġ** (Għarbi djalettali).

Wara li jifli l-isfuf ta' l-ilsna qodma fil-Gżejjer ta' Malta li minnhom baqa' ħaj il-Malti b'fond Għarbi, l-A., jistaqsi jekk satax qabel ma daħlu l-Għarab f'Malta, kienx hemm xi saff ieħor lingwistiku, jiġifieri kienx hemm x'ilsien ieħor li bih kienu jitkellmu n-nies ta' Malta u Għawdex ma' tul il-perjodu Ruman-Biżantin, jiġifieri qabel il-ħakma Għarbija f'Malta?— L-A., jistqarr li fi studju tiegħu li kien inqara fl-1928 fil-Kungress Internazzjonali ta' l-Orjentalisti f'Oxford huwa kien fisser il-fehma tiegħu li fil-lsien Malti, qabel ma ġew il-Għarab, kien hemm element tal-lsien semitiku, u li l-Prof. Aquilina kien ta' l-istess fehma, kif kien wera. fi studju li qralu l-Prof. Saydon fil-Kungress Internazzjonalit ta' l-Orjentalisti f'Pariġi fl-1948, fejn kien fisser illi l-Maltin, qabel ma ġew il-Gharab f'Malta, milli jidher mit-tifkiriet epigrafiċi li ħallew il-Feniċi u l-Puniċi, il-lingwa tal-Maltin kienet Punika, u li jekk dawn kienu tassew jitkellmu bil-Latin Baxx, kif kienu jridu jgħidu xi studjużi Maltin skond il-fehma ta' Nöldeke, aħna konna nsibu xi fdal ta' dan l-ilsien fil-Malti għallinqas fl-ismijiet topografiċi li huma kollha ismijiet Għarbin, ħlief il-kelma **qala**, mil-Latin baxx jew Sqalli **cala** li tinsab ukoll fl-Affrika ta' Fuq.

L-A., jissokta jgħid illi dan il-kittieb Malti li jsostni l-fehma ta' Nöldeke mhux ħlief il-mejjet Avukat Ġ. Micallef, iżda dan

ma ta ebda prova tal-fehma tiegħu. Mill-banda l-oħra l-fehma tal-Prof. Aquilina illi l-Maltin ma kinux jitkellmu bil-Latin Baxx ma taqbilx mal-fatti.

Għalkemm f'xi kliem ta' nisel Rumanz nsibu li xi ittri Latini jitbiddlu f'oħrajn qaribhom tal-Isien Għarbi, dana, skond l-A., mhux biżżejjed biex juri li dan il-kliem ta' nisel Rumanz, li mażżmien biddel xi ħsejjes, bħal, ngħidu aħna, **qanpiena, qattus, balla, bata,** kien użat mill-Maltin qabel il-miġja tal-Għarab f'Malta. B'danakollu nsibu mbagħad xi kliem ieħor ta' nisel Latin, għalkemm wisq rari, illi juri li kien użat fost il-Maltin qabel il-ħakma Għarbija. Fost dan il-kliem l-A., isemmi kliem bħal dawn: **gawwija**, (mil-Latin **gavia**), **saborra** (Lat. **saburra**; Sqal. u Tal. **zavorra**) u **kalanka** li skond ma jaħseb hu, huma kliem ta' Latin Baxx. Huwa jieqaf fuq il-kelma **kmieni,** li skond xi studjużi inissluha mill-Għarbi, u xi ħadd (fosthom niftakar Ġ. Micallef' mil-Latin *cum mane.*

L-A., jagħti xi eżempji ta' postiijet li juru nisel Sikulu jew Rumanz, li għalkemm taħsibhom ta' nisel modern mit-Taljan, aktarx huma fdal ta' ismijiet oħra imnisslin mil-Latin qabel il-perijodu tal-Ħakma Għarbija; ismijiet bħalma huma: **Wardija**, (Rum. **guardia**); **Brankatu** (Lat. **Pancratius**); **Niklusi** (Lat. **Nicholaus,** fejn il-**p** ta' **Pancratius** saret **b**, bl-influwenza tal-Għarbi li daħal wara.)

Bdanakollu is-saff ta' nisel Latin fil-Isien Malti, jgħidılna l-A. jidher l-iżjed fl-ismijiet topografiċi jew ismijiet ta' postijiet fil-gżejjer ta' Malta, u fuq hekk biex jagħlaq l-argument tiegħu jagħti din il-lista ta' ismijiet:—

**Malta** mil-Latin **Melita,** li wara mbagħad il-Għarab sejħu **Malta. Għawdex** minn **Gaudos** (Strabo-Mela); ukoll **Gaulos** (Diod. Siculus) fejn **l** saret **d**; Feniċ **Gaul,** u fil-**plebs gaulitana** ta' l-iskrizzjoniiet Latini. Għalhekk mill-isvilupp tal-forom: **Gaul, Gaud, Gaudos, Gaudex,** il-Għarab li ġew wara r-Rumani sawru l-isem ta' **Għawdex,** kif sal-lum dik il-gżira għadha msemmija.

**Pwales,** ħażin, igħidilna l-A., li din il-kelma jnissluha mill-isem San Pawl. L-A., jidhirlu illi dan l-isem huwa **l-plural miksur** tal-kelma **palus** (għadira). Sa ħamsin sena ilu dan il-post

kien kollu għadajjar. L-A., jwettaq il-fehma tiegħu bl-espressjoni Għarbija **Marsa l-bawalis**, post fi Sqallija msemmi minn żmien Ruġġieru II. **Skala** (Marsa skala), isem li fil-Latin Baxx ifisser **port.** Il-Għarab, mal-kelma **skala,** żiedu l-kelma **marsa. Qannotta** (Wied Qannotta), kelma ġejja mil-Latin Baxx **cannetum** (post mimli qasab. Il-kelma barra milli fl-Isqalli: **cannetu,** diminutiv **canotta,** tinsab ukoll fil-Għarbi. Il-Vokabulista, taħt **arundo,** jagħti l-kelma Għarbija **qannut,** u għalhekk, skond ma jaħseb il-kelma **cannetum** (Sqal. **cannetu**) setgħet wara żmien daħlet mill-Sqalli jew mill-Għarbi. **Kalanka**: din il-kelma ma tinsabx fl-Isqalli, iżda fil-Latin Baxx bit-tifsira ta' "locus humilis, depressus" (Du Cange).

L-A., jagħlaq dan l-istudju billi fl-aħħarnett isemmi xi kliem misluf mil-Latin bħal **stabal,** Lat. **stabulum**; **qortin,** Lat. **cortina,** u ma' dawn, aktarx **qannotta,** Lat. **cannetum,** Għarbi **qunnut,** li skond il-fehma tiegħu daħlu fil-Malti mill-Għarbi.

B'hekk, kif jidhirlu l-A., wera li fil-Malti għad baqa' xi fdalijiet ta' kliem qadim li ġej mil-Latin (Latin volgari) ta' qabel iż-żmenijiet tal-Għarab f'Malta.

* * *

**A Brief Survey of Maltese Semantics.** Studju tal-Prof. J. Aquilina. Estratt mill-ORBIS. Bulletin International de Documentation Linguistique. Tome III. No. I, 1954. Louvain.

Dan huwa t-tieni studju xjentifiku dwar il-Lsien Malti tal-Professur Ġ. Aquilina fl-**Orbis,** rivista ippubblikata mill-Università Kattolika ta' Louvain, il-Belġju. L-ewwel studju tiegħu f'din ir-rivista kien il-Lessiku Malti (Dizzjunarji Maltin) taħt l-isem ta' *Maltese Lexicography* (Orbis, Tome, I, No. 2, 1953) li tiegħu konna għamilna studju kritiku f'IL-MALTI ta' Ġunju 1954 (pp. 60-61).

L-istudju komparattiv tas-semantika hija biċċa mil-Lingwistika. Is-semantika tidħol fil-lingwi kollha, iżda fil-Malti, bħala lsien magħmul minn fond ta' organiżmu semitiku b'taħlita ta' kliem Rumanz, is-semantika għandha ċertu valur partikulari fl-istorja u l-evoluzzjoni tat-tifsira tal-kelma. F'dan l-istudju l-A., jagħti fil-qosor il-prinċipji li jagħmlu mill-bidliet fit-tifsira tal-kliem Malti b'riħet it-tibdil u l-isvilupp fil-ħajja soċjali tal-poplu.

Il-kelma kif ifisser l-A., li għallewwel tfisser idea waħda, maż-żmien tieħu tifsiriet oħra li jixxiehbu ma' ta' l-ewwel kif naraw f'xi kliem li maż-żmien biddel it-tifsira ewlenija tiegħu, sew għal dak li hu ħsieb astratt kemm għal dak li hu oġġett konkret billi minn idea ġeneralizzata jew mhux definita biżżejjed il-moħħ tal-bniedem biex iktar jiddetermina il-ħsieb jew l-oġġett jieqaf fuq idea speċifika. Fuq hekk l-A., jagħti ħafna eżempji, fosthom ismijiet ta' annimali li maż-żmien ħok isem speċifiku issemmew b'isem ieħor li jagħti idea ġeneralizzata. Fost dawn il-kelmiet: *żiemel*, *debba*, *tajr*, *fenek*, *għanem* li fil-Għarbi għandhom tifsira ġeneralizzata jew speċifika li ma taqbilx ma' dik tal-Malti, jew tifsira ta' annimali ta' razza differenti b'karatteri fiżiċi li jixxiebħu.

L-idea ġenerali tal-kelma ġie li jkollha bżonn tiċċekken jew titwassa' għaliex ma tkunx tfisser il-ħsieb sewwa, jew tkun tfisser ħaġa differenti mill-ħsieb speċifiku tal-bniedem, minn hekk il-kelma tiġi li b'xebh tieħu tifsira sekondarja — fenomenu li jissejjaħ polisemantika. L-A. jwettaq it-teorija tal-polisemantika bil-għerq Għarbi H.M.L. *ħamel* li minnu joħorġu mat-80 forom verbali ta' għemil li jixxiebah b'tifsir ta' idejiet differenti bit-tiswir ta' forom verbali: denominativi, aġġettivi, parteċipjali jew mimmati, fil-waqt li fil-Malti din il-mamma jew għerq ma nisslitx ħlief mal-10 kelmiet u fil-Lhudi b'forom wisq inqas ta' tifsiriet nis-sies ewlieni *ħamel*.

Il-metafora għandha sehem kbir fit-tusigħ tal-kelma, jiġifieri tusigħ mit-tifsira letterali għal tifsira simbolika, mit-tifsira vera oriġinali għal tifsira ta' ħsieb jew ħaġa li tixbaħ il-ħsieb jew ħaġa ewlenija. Hekk, kif jissokta juri l-A., bl-użu tal-metafora l-kelma ġie li tieħu xeħta figurativa: ngħidu *żiemel* għal bniedem ta' ħila kbira, *debba*, għal mara merħija fid-drawwiet tagħha; *fenka* għal mara li tnissel ħafna tfal.

Fit-tusigħ jew restrizzjoni tat-tifsira tal-kelma, l-A., jimraħ fuq kampijiet ta' diversi fenomeni tas-semantika, fosthom min isemmi fejn il-Malti juża l-isem tal-pajjiż minn fejn jiġi l-oġġett jew tnissel il-ħaġa li waslet fostna; u jagħtina l-eżempji tal-kelmiet *fajjienza* (foħħar minn Faenza); *Skoċċiż* (drapp iċċangjat); *spanjola* (il-marda ta' l-influwenza li l-Ingliżi semmew *spanish flu*); *Ingliża* (għal ċerta ħaxixa).

L-istorja tas-semantika fl-Ilsien Malti mhux dejjem taqbel ma' dik ta' lsien ieħor. Il-kelma *bidwi* fil-Malti jidher li tilfet it-tifsira ewlenija tagħha tal-Għarbi *badwi* (bniedem li jiġġerra fid-deżert), fil-waqt li l-kelma *fellaħ* tal-Għarbi fil-Malti ħadet tifsira oħra (felħan-qawwi). Fost xi kliem ieħor li fil-Malti juri tifsira differenti minn dik tal-Għarbi, l-A., isemmi l-kelmiet *sajjied* u *naġġar* li fil-Għarbi għandhom tifsira, waħda ta' kaċċatur, u l-oħra ta' mastrudaxxa. Il-kelma *sajjied* jidher madankollu li kellha l-istess tifsira vera u ħadet maż-żmien sens figurativ, bħalma naraw fil-frażi : *qattus sajjied*.

Fis-sinonimi li għandu l-Malti, l-A., jara bħal ġlieda bejn il-kelma Maltija u dik ta' nisel Rumanz fejn jiġi li l-kelma Maltija iċċiedi l-post tagħha lil oħra billi din fis-soċjetà tal-lum għandha titlu iżjed xieraq, fost dawn insemmu l-kelmiet : *ekupa* u *zija* flok *imselħa; pettinc* flok *moxt*. Insibu fil-Malti li sew l-imselħa u l-moxt ħadu sens dispreġġativ. Fuq hekk l-A., isemmi wkoll xi kliem li barra t-tifsira letterali tiegħu jiġi li fil-Malti jieħu sens *peġġorattiv*, fosthom il-kelma *bhima* bis-sinonimu tal-kelma romanza *annimal*, kif ukoll kliem ieħor ta' nisel semitiku u rumanz : *ħanżir* bis-sinonimu *porku; nagħġa, botbot, bagħal, pappagall, serduk* li bit-tusigħ tal-kelma fit-tifsira tagħhom ħadu sens dispreġġativ jew peġġorativ.

Barra mill-fenomenu tat-tiċkin u tusigħ tas-sens tal-kelma, l-A., isemmi kif il-kelma tbiddel it-tifsira tagħha bis-saħħa ta' ċirkustanzi oħra, jiġifieri t-tibdila fis-sens tal-kelma turina fenonimu ieħor, fejn is-sens oriġinali tal-kelma mill-kawża jgħaddi għall-effett; il-biċċa ta' l-oġġett tgħaddi għall-oġġett sħiħ; is-sħiħ jidħol flok il-biċċa; oġġett jew idea jidħlu flok oħrajn li jixbħu jew għandhom xi relazzjoni magħhom jew għalkollox differenti.

Eżempji ta' dawn l-fenomeni huma mqassmin f'ħames kategoriji li minnhom ta' min isemmi kelmiet bħal dawn : *għanqbuta* (effett), li fil-Għarbi tfisser *brimba* (kawża); *geddum* flok *ilħit, ħalq* flok *gerżuma* (is-sħiħ flok il-biċċa jew il-biċċa flok is-sħiħ), *boton* (fniek) li fil-Għarbi tfisser *żaqq* (il-biċċa flok il-ħaġa sħiħa li hija *ż-żaqq*), fenomenu li nsibuh ukoll fil-lingwaġġ figurat ta' ilsna oħra — metonomja, barra

minn xi ismijiet oħra li tagħhom jagħti lista twila fejn it-tifsira tal-kelma ħadet oħra bis-saħħa ta' tixbih, b'metafora jew ewfemiżmi: *xtrat* flok *wildet; mard tal-kaxxa* flok *mard tas-sider; ta' barra minn hawn* flok *ix-xitan.*

Waħda mill-iktar ħwejjeġ li fil-Malti tirkaċċa iżjed milli f'ilsna oħra, għal dik li hi semantika, huwa l-użu ta' kliem barrani, l-iktar Sqalli u Taljan, meta dawn jistgħu jagħtuna it-tifsira sewwa tal-ħsieb jew oġġett li jkun. L-A., f'dan is-sehem tassemantika Maltija jagħti lista ta' kliem safi bil-kelma rumanza fl-użu popolari b'xi kummenti dwar id-differenza fis-sens skond l-użu u drawwiet fil-ħajja soċjali tal-lum, fejn naraw ukoll xi mindaqqiet bħala ġlieda bejn kelma u oħra: bejn kelma li jgħidha bidwi u oħra li jgħidha belti.

Fl-aħħarnettt l-A., f'xi partikularitajiet morfoloġiċi u sintattiċi tal-Malti jara xi fenomeni li għandhom x'jaqsmu mas-semantika Maltija. Fost dawn il-kelma *xhud* li fil-Malti tintuża bis-sens ta' singular flok bħala plural miksur tas-singular *xiehed* li fil-Malti baqa' grammatikalment bħala forma parteċipjali mhux użata. Isemmi ukoll xi pronomi personali li ma jaqblux mal-klassiku fil-ġens fejn il-pronom *inti* u *intom* fil-Malti nużawhom sew għall-maskil kemm għall-femmenil. L-A, jagħti fl-aħħar lista ta' madwar 70 kelma fejn juri li bosta kliem Malti ma jaqbelx fil-ġens li dawn għandhom fil-Għarbi, fosthom il-kelma *għarus* li fil-Għarbi qiegħda sew għall-*għarus* kemm għall-*għarusa*, fil-waqt li għall-ġens femmenili tintuża wkoll il-kelma *għarusa.* L-A., għalhekk iqis bħala fenomenu ta' semantika d-differenza fit-tifsira tal-ġens bejn il-Għarbi u l-Malti.

* * *

Wara li wieħed jagħsar dak kollu li wriena l-A. f'dan l-istudju hekk interessanti, għandu jsib li l-qofol ta' dan l-istudju huwa mibni fuq prinċipji illi "l-materjal ta' lsien għandu moviment kontinwu fil-ħajja tiegħu u dlonk jitbiddel skond iċ-ċirkustanzi storiċi, u mat-tibdil tal-kliem titbiddel it-tifsira f'oħra li tixbah lil ta' l-ewwel". Il-kelma titbiddel bħal bosta ħwejjeġ oħra li għandhom il-ħajja; razez ta' annimali u razez ta' bnedmin; il-kelma titbiddel minn ġenerazzjoni għal oħra, u xi mindaqqiet tgħib għal kollox biex flokha tidħol oħra skond ma jitlob il-pro-

gress fil-bżonnijiet jew ċiviltà ta' pajjiż bħal *markeb, ġifen, suġġetta, kaless* u *omnibus* li flokhom daħlu oħrajn. Xi mindaqqiet il-kelma tibqa' tgħix f'xi frażijiet biss bħal kelma *jies* fil-frażi *qata' jiesu*, jew f'xi proverbju qadim. Hekk il-kelma *għaġuża* li l-lum ma ssibhiex bit-tifsira ta' dari ħlief fil-qawl: *l-għaġuża ma tridx tmut għax aktar ma tikber aktar titgħallem*, u fil-forma verbali denominattiva: *għaġeż, tgħaġġeż* (xjieħ.) Il-kelma *għaġuża f'*ilsienna l-lum tfisser iktarx dik il-frotta tal-baħar, bl-Ingliż magħrufa bl-isem ta' *lobser* jew *spinous spider crab*.

Ara wkoll fil-Franċiż: *ouïr* li għadha tgħix fl-espressjoni " par ouï dire"; *goupil* fil-kelma *goupillon; cuider* fil-kelma *outrecuidance*.

L-istudju tal-Prof. Aquilina fuq is-semantika Maltija tidher bħala ħaġa ġdida fil-Malti, studju li qablu kien għadu ma għamlu ħadd — bħala studju għalih. Is-semantika madankollu huwa studju li l-filoloġi tas-seklu li għadda, ibda minn Max Müller, qajla kienu ittrattaw bħala fergħa ta' studju lingwistiku ħlief bħala waħda mill-ħoloq ċkejknin li tagħmel mis-sensiela ta' l-istudju tax-Xjenza tal-Lingwi. Min s'issa kiteb xi ħaġa (u ngħidu xi ħaġa, il-għaliex, fejn l-istudji filoloġiċi u lingwistiċi li s'issa saru fuq ilsna oħra, tal Malti huma wisq ftit), fuq il-filoloġija Maltija ma kinux ħlief xi studji etimoloġiċi, l-iktar minn studjużi ta' barra, kif naraw mix-xogħlijiet ta' Stumme, Bonelli, u dan l-aħħar minn dawk ta' Dessoulavy u Barbera bid-dizzjonarji etmoloġiċi tagħhom — u dana barra minn xi xogħlijiet, s'issa frammentarji, li dehru 'l hawn u 'l hinn, minn studjużi lokali f'xi rivisti ta' ċertu valur letterarju u xjentifiku.

L-iktar li joqrob lejn l-istudju ta' l-A, huwa iktarx l-istudju tiegħi li kont għamilt fl-1925 dwar l-użu tal-kliem safi u rumanz, imsemmi bl-isem ta' *X'inhu l-Malti Safi*, fejn bla ma dħalt fil-mertu xjentifiku tat-tifsira tal-kelma bil-pjan dettaljat ta' l-A., tajt il-kriterji tiegħi dwar l-użu xieraq tal-kelma ta' nisel semitiku u dik ta' nisel rumanz u dwar il-valur letterarju li l-għażla ta' dan kliem għandu fil-kitba letterarja Maltija.

Għal min irid jifli iżjed bir-reqqa l-fenomenu fit-tibdil ta' tifsir il-kliem, barra minn dawk fi kliem li niltaqgħu magħhom fil-

bżonnijiet komuni tal-ħajja ta' kuljum, jiswa li wieħed jagħmel studju wkoll fl-ismijiet ta' bosta mill-ħxejjex, siġar, kif ukoll fl-ismijiet ta' tjur, jiġifieri tal-botanika u zooloġija Maltija fejn, bħalma ma wrejt fuq fuq fl-istudju tiegħi, maż-żmien ħadu 'l hawn u 'l hinn xi ismijiet differenti minn dawk li hemm fil-Għarbi u fl-ilsna ewropej. L-A., fost dawn isemmi l-*ballut*, siġra mill-eqdem, li fil-Malti, kif jgħidilna, tfisser sew is-siġra kemm il-frotta; iżda fil-Malti għall-frotta daħlet il-kelma rumanza *ġandra* mit-Taljan *ghianda*, kif ukoll insibu li għandna l-kelma *ruvlu* biex infissru l-injama tal-ballut; hekk ngħidu: *mejda tar-ruvlu*, kif ukoll *ħatba tar-ruvlu*. Ta' min jifli wkoll xi sinonimi Maltin minn għeruq verbali kwadrilitteri minn trilitteri b'epentiżmu ta' xi ittra barranija li fihom it-tifsira bejn waħda u oħra turi differenza fit-tixbih ta' idea waħda. Dawn jagħmlu wkoll mill-klassi ta' l-onomapejtiċi. Minn dawn ix-xorta ta' verbi naħseb li l-Malti għandu lista sabiħa.

Il-metafora hija waħda mill-fenomeni li nsibuha fis-semantika ta' bosta ilsna fejn xi kliem huwa ta' użu komuni bl-istess sens metaforiku. Barra minn dawn l-eżempji li fuq hekk semma l-A, nistgħu nsemmu kliem ta' qatgħa oħra, bħal kelma *sinna* fl-espressjoni *sinna tewm* li nsibuha b'analoġija fl-espressjoni Ingliża *clove of garlic* (mil-Latin *clavus, musmar*); ukoll *musmar tal-qronfol*. Hekk ukoll il-kelma *bombażil*, fl-Ingliż *bombazine* (mill-Fr. *bombasin*), drapp irqiq bit-togħma ħarir u l-medd suf jew tajjar, u l-kelma qaribha *bombast*, fl-Ingliż, fustan tat-tajjar għall-kuttunar tal-ħwejjeġ *biex jidhru ħoxnin;* minn hekk il-kelma komuni figurativa, *bombastiku*, kollha ġejjin mill-kelma Griega-Latina *bombyx*, dudu tal-ħarir li minnu jitnissel id-drapp. Hekk il-kelma *farsa*, kompożizzjoni teatrali tad-daħq, għall-ewwel rappreżentazzjoni biex timla l-interludju bejn rappreżentazzjoni u oħra. Minn hekk fil-Malti l-aġġettiv *farsit* (mili bl-ikkapuljat): *kaboċċi farsiti* u ħafna oħrajn ta' din il-qatgħa, li fihom ukoll studju ta' l-istorja etimoloġika tal-kelma.

A. CREMONA.